MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 396/2007

**Raymond Degabriele (I.D: 514360 (M))**

**Mario Degabriele (I.D. 95662 (M))**

**Alex Degabriele (I.D. 336480 (M))**

**Andrew Degabriele (470275 (M))**

**Norbert Degabriele (I.D. 650063 (M))**

**Stephen Degabriele (I.D. 547665 (M))**

**u Erminia Conti (I.D. 0542937 (M))**

**vs**

**Charles Degabriele, u Jason u Mary konjugi Bonavia**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-3 t'April 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi l-kontendenti kollha fuq indikati huma komproprjetarji fil-fond numru 126, Tarxien Road, Paola;

1.2 Illi l-imsemmi fond hu lilhom derivanti mill-wirt ta' missierhom/nannuhom Giuseppe Degabriele u, fil-kaz tar-rikorrenti Erminia Conti, mill-wirt ta' Maria Dolores Degabriele, (ara foll 4 sa 12);

1.3 Illi l-intimat Charles Degabriele unilateralment kera dan l-istess fond fuq indikat lil Jason u Mary konjugi Bonavia minghajr il-kunsens tar-rikorrenti jew tal-qorti;

1.4 Illi r-rikorrenti saru jafu bil-kirja in dizamina fl-ewwel gimgha ta' Frar tal-2007;

1.5 Illi r-rikorrenti la qatt ircevew u lanqas qatt accettaw l-ebda kera fir-rigward, u lanqas ghandhon hsieb li jaccettaw tali kirja;

1.6 Illi r-rikorrenti ghandhom kull hsieb li jattakkaw u jannullaw l-imsemmija kirja peress li din tilledi d-drittijiet taghhom u peress li jridu li ssir il-qasma tal-imsemmi fond;

1.7 Illi ir-rikorrenti jixtiequ jitterminaw u jannullaw din il-kirja a bazi tal-artiklu 1527 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.8 Illi ghalhekk r-rikorrenti aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunità jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.8.1. Tiddikjara li l-intimat Charles Degabriele agixxa abbuzivament u kontra l-interessi tar-rikorrenti meta unilateralment u minghajr awtorizzazzjoni b'sentenza ta' qorti kompetenti u minghajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-ohra, tà b'kera l-fond meritu tal-procedura odjerna fuq già indikat;

1.8.2. Tiddikjara li l-lokazzjoni hekk moghtija abbuzivament hi nulla u bla effett fil-ligi, u dan a bazi tal-artiklu 1527 tal-Kap 16 fuq già riferit;

1.8.3. Tordna x-xoljiment ta' din il-lokazzjoni u konsegwentement tordna li dan il-fond jigi zgumbrat u ritornat fl-istat originali tieghu u dan, fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-qorti;

1.8.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0 Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Jason u Mary konjugi Bonavia datata l-11 ta' Mejju, 2007, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi jirriservaw d-dritt taghhom ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lilhom;

2.3. Illi m'ghandhomx jinzammu responsabbli ghal-kap ta' l-ispejjez;

2.4. Illi jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet ohra;

3.0 Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Charles Degabriele datata t-22 ta' Mejju, 2007, li permezz taghha sintetikament espona is-segwenti:

3.1. Illi r-rikorrenti jridu jippruvaw li intavolaw il-procedura odjerna fit-terminu prefiss mill-artiklu 1527 tal-imsemmi Kap 16;

3.2. Illi r-rikorrenti, bl-eccezzjoni t'Erminia Conti, huma legittimarji ta' nannithom Maria Dolores Degabriele, u allura ma jistghux jirripunjaw il-lokazzjoni *de quo*;

3.3. Illi l-fond in dizamina jappartjeni lill-intimati u mhux lir-rikorrenti stante li dan thalla lill-intimat Charles Degabriele bhala prelegat *"di cosa altrui"* mill-mamà tieghu Maria Dolores Degabriele u hu kien immess tacitament fil-pussess tal-istess prelegat;

3.4. Illi l-intimat Degabriele kellu d-dritt li jiddisponi mill-istess fond in dizamina permezz ta' kiri stante li ma giex biss nominat ezekutur testamentarju ta' Maria Dolores Degabriele izda, nghata wkoll poteri ampji biex jamministra l-assi taghha sa kemm dawn jinqasmu;

3.5. Illi mhux minnu li l-fond *de quo* jistà jinqasam komodament;

3.6. Illi l-lokazzjoni in kwistjoni nghatat b'kundizzjonijiet vantagguzi, u li r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda raguni li jopponu din il-lokazzjoni;

3.7. Illi fl-eventwalità li ma jigux akkolti l-eccezzjonijiet fuq elenkati, l-intimat odjern ghandu jinghata l-fakoltà jipprocedi skont l-artiklu 1528 tal-Kap 16 in dizamina;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-29 t'April, 2008, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata biex tismà l-provi kollha, (ara foll 26);

5. Rat id-digriet tal-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti datat z-17 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu issostitwiet lill-assistent gudizzjarju b'dak hemm indikat, (ara foll 48);

6. Rat id-digriet taghha kif ssa preseduta datat il-25 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu ordnat li l-inkartament in dizamina, fil-pussess tal-istess assistent gudizzjarju jigi ritornat fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 65);

7. Rat id-digriet taghha datat it-28 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza odjerna bil-modalità hemm indikata, (ara foll 107), u kif sussegwentement varjata bid-digriet taghha datat d-9 ta' Jannar, 2014, (ara foll 115);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-24 ta' Lulju, 2013, (ara foll 110);

9. Rat in-nota responsiva tal-intimati Bonavia datata t-3 ta' Marzu, 2014, (ara foll 116);

10. Rat in-nota responsiva tal-intimat Degabriele datata s-7 ta' Marzu, 2014, (ara foll 124);

11. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

12. Semghet ix-xhieda prodotta;

13. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti (ara foll 127);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi ghandu jigi preliminarjament sottolineat li l-kontendenti qeghdin sintetikament issostnu is-segwenti:

14.1. Illi bl-eccezzjoni tal-intimati konjugi Bonavia, il-kontendenti huma eredi ta' Maria Dolores Degabriele;

14.2. Illi fit-testment taghha datat it-22 t'Ottubru, 2002, l-imsemmija testatrici Maria Dolores Degabriele, fit-tieni (2) artiklu tal-istess, halliet lil binha l-intimat Degabriele b'titolu ta' prelegat, il-hanut numru 126, Tarxien Raod, Rahal Gdid, (ara foll 10 u 11);

14.3. Illi *di più* l-istess testatrici issottolineat fl-istess testment taghha li hi kienet taf li il-fond indikat fil-paragrafu precedenti li halliet lill-imsemmi binha, ma kienx proprjetà taghha biss

peress li l-fond *de quo* kien akkwistat fiz-zwieg taghha, u ssottolineat li hi:

> " ... xorta trid u tordna li dan il-prelegat jigi konsegwit fl-intier," (ara foll 11);

Ikkunsidrat:

15. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li hawn *si tratta* ta' *"legato di cosa altrui"*;

16. Illi fir-rigward it-Torrente u l-Schlesinger isostnu s-segwenti fil-*"Manuale di Diritto Privato"*, 13 -il Edizzjoni, (p. 1015):

> "Se ... dal testamento o da altra dichiarazione scritta del testatore risulta che egli conosceva che la cosa apparteneva ad altri, allora il legato, se non potrà avere, com'è naturale, effetti reali, avra per altro effetti obbligatori (come la vendità di cose altrui); la conoscenza, che il testatore dimostra di avere avuto, che la cose era altrui, induce a ritenere che egli voleva che l'onerato acquistasse la proprietà, o il diritto, e la trasferisce al legatario. Perciò l'onerato è obbligato ad acquistare la propietà della cose e a trasferirla al legatario";

Ikkunsidrat:

17. Illi kif ritenut mill-istess abbli rapprezentant legali tal-intimat Degabriele, dan "... ghadu ma giex immess fil-pussess formali ta' ..." l-imsemmi legat, (ara foll 125), ghalkemm hemm proceduri

ohra bejn il-kontendenti familjari ghal qsim tal-wirt taghhom, (ara wkoll foll 125);

Ikkunsidrat:

18. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li qabel ma' l-intimat Degabriele ma jigi immess formalment fil-pussess tal-fond in dizamina ma jistax jagixxi bhala proprjetarju tal-istess ghaliex f'dan l-istat ghadu mhux formalment rikonoxxut statutorjament bhala tali;

Ikkunsidrat:

19. Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, l-intimat Degabriele hu prekluz milli jagixxi bhala proprjetarju assolut tal-fond in dizamina;

Ikkunsidrat:

20. Illi *di* più, l-istess testatrici Maria Dolores Degabriele fuq riferita innominat lill-istess Charles Degabriele bhala ezekutur testamentarju taghha bis-setghat kollha li tghid il-ligi u bid-dritt li jibqà jamministra l-assi taghha u "jircievi kirjiet sal-qasma tal-istess assi ...", (ara foll 11);

Ikkunsidrat:

21.0 Illi in sintesi tal-fatti kif irrizultaw in atti jigi sottolineat is-segwenti:

21.1. Illi l-intimat Degabriele, mhux biss hu legatarju tal-fond specifikament meritu tal-procedura odjerna, izda hu wkoll

esekutur testamentarju espressament nominat mit-testatrici *de quo* ghal dan l-iskop;

21.2. Illi l-assi involuti fit-testment in dizamina li l-imsemmi intimat Degabriele ghandu allura id-dover li jamministra hu precizament il-fond meritu tal-procedura odjerna;

21.3. Illi fost is-setghat lilhu espressament moghtija fit-testment in dizamina redatt mill-mamà tieghu hemm il-mansjoni li jkollu l-fakultà li jircievi kirjiet dovuti mill-assi minnu amministrati sal-qasma definittiva tal-istess bejn l-eredi involuti;

21.4. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li meta l-intimat kera l-fond in dizamina lill-intimati l-ohra l-konjugi Bonavia, hu kien qieghed jopera fil-limiti tal-mandat lilhu espressament moghti fit-testment in dizamina, u li bl-ebda mod ma jirrizulta li straripa mill-limiti legali hemm imposti fuqu;

Ikkunsidrat:

21. Illi jirrizulta assodat li l-kirja in dizamina moghtija mill-intimat Degabriele lill-intimati Bonavia, ma tirrizultax li tippregudika d-drittijiet ta' terzi involuti stante li l-kera in dizamina tirrizulta li hi ta' beneficcju ghas-sidien involuti u dan, tenut kont tal-*canone* involut; tal-ammont li jrid jithallas mill-lokaturi Bonavia fit-terminazzjoni tal-istess; tal-manutenzjoni dovuta, u tal-alterazzjonijiet patwiti; (ara foll 98);

Ikkonsidrat:

23.0. Illi finalment, fir-rigward ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Degabriele rigwardanti t-terminu impost mill-artiklu 1527 tal-Kap 16 tal-Ligijiet fuq indikati ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

23.1. Illi jirrizulta li r-rikorrenti saru jafu bil-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina fil-5 ta' Frar, 2007, (ara foll 36, 43 u 45);

23.2. Illi l-artiklu 1527 fuq citat sintetikament jistabbilixxi li talba bhal dik in dizamina ghandha "... ssir fi zmien xahrejn minn dakinhar li dan il-ko pussessur l-iehor ikun sar jaf b'dak il-kiri";

23.3. Illi l-procedura odjerna giet intavolata fit-3 t'April, 2007;

24. Illi tenut kont tad-dati indikati fil-paragrafu precedenti jirrizulta assodat li l-precett stabbilit fl-artiklu tal-Kodici Civili fuq citat gie debitament suffragat;

25. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna tirrizulta li giet inizjata skont il-ligi;

**DECIDE:**

26.0. Illi konsegwentement, filwaqt li tiddikjara li l-procedura odjerna giet debitament intavolata skont il-ligi;

26.1. Tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Degabriele;

26.2. Bl-ispejjez fir-rigward kontra l-istess intimat Degabriele;

27.0. Illi fil-meritu, tiddikjara li in vista tal-premess, filwaqt li-takkolji ir-risposti rimanenti tal-intimati kif fuq sintetikament esposti:

27.1. Tirrispingi t-talbiet tar-rikorrenti fuq indikati;

27.2. Bl-ispejjez rimanenti kontra l-istess rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------